31997D0245

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
ta' l-20 ta Marzu 1997
li tippreskrivi l-arranġamenti għat-trażmissjoni ta' informazzjoni lill-Kummissjoni mill-Istati Membri taħt is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Kummissjoni

(97/245/KE, Euratom)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/728/KE, Euratom tal-31 ta'Ottubru 1994 dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet Ewropej [1], u partikolarment l-Artikolu 8(2) ta' l-istess,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1552/89 tad-29 ta' Mejju 1989 li jimplimenta d-Deċiżjoni 88/376/KEE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tal-Komunitajiet infushom [2], kif l-aħħar emendata bir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1355/96 [3], u partikolarment l-Artikoli 6 u 17 ta' l-istess,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat ta' Pariri dwar Riżorsi Tagħhom,

Billi, fir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1355/96, il-Kunsill adotta dispożizzjonijiet iddisinjati biex itejbu ċerti partijiet ta' l-arranġamenti għall-Istati Membri biex jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar azzjoni li jkunu ħadu biex jirkupraw riżorsi tagħhom, partikolarment fejn ikunu involuti frodi u irregolaritajiet;

Billi dan it-titjib jikkonċerna prinċipalment il-produzzjoni ta' kull xahar u ta' kull tliet xhur tas-sena ta'prospetti tal-kontijiet ta' riżorsi tagħhom, id-deskrizzjoni ta' każijiet ta' frodi u irregolaritajiet diġa mikxufa li jinvolvu intitolament ta' iktar minn 10 000 ECU u l-kontenut tar-rapport ta' kull sena;

Billi d-dettalji ta' dawn il-proċeduri ta' rappurtaġġ għandhom ikunu stipulati mill-Kummissjoni wara li jkun ġie kkonsultat il-Kumitat Ta' Pariri dwar Riżorsi Tagħhom;

Billi l-Istati Membri għandhom jingħataw tul ta' żmien adattat biex japplikaw il-proċeduri ta' rappurtaġġ;

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom jużaw il-mudelli li jinsabu fl-Annessi I, II u III biex isiru r-rapporti ta' kull xahar u ta' kull tliet xhur prospett tal-kontijiet ta' riżorsi tagħhom li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 6(3)(a) u (3) (b) tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1552/89.

2. L-ewwel prospetti prodotti bl-użu ta' mudelli li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1 għandhom ikunu dawk għal April 1997 għall-prospett ta' kull xahar u għat-tieni tliet xhur ta' l-1997 għall-prospettat ta' kull tliet xhur.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jużaw il-formula mudell tal-frodi u jaġġornaw il-formula fl-Annessi IV u V għad-deskrizzjonijiet tal-każijiet ta' frodi u irregolaritajiet misjuba li jinvolvu intitolamenti għal iktar minn 10 000 ECU u dettalji tal-pożizzjoni rigward każijiet ta' frodi u irregolaritajiet diġa rrappurtati lill-Kummissjoni fejn ma kinux indikati iktar kmieni l-irkupru, il-kanċellazzjoni jew in-nuqqas ta'irkupru, kif msemmi fl-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1552/89.

2. L-ewwel formula tal-frodi u aġġornamenti li għandhom ikunu prodotti bl-użu tal-mudelli li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1 għandhom jintbagħtu f'April 1997.

Artikolu 3

1. Il-mudell fl-Anness VI għandu jkun użat għar-rapport annwali fuq il-problemi l-iktar importanti li jinqalgħu mill-applikazzjoni tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1552/89, kif hemm referenza għalih fl-Artikolu 17(3) ta' dak ir-Regolament.

[1] ĠU L 293, tat-12.11.1994, p. 9.
[2] ĠU L 175, tat-13.7.1996, p. 3.
[3] ĠU L 155, tas-7.6.1989, p. 1.

2. L-ewwel rapport li għandu jkun prodott bl-użu tal-mudell li hemm referenza għaliħ fil-paragrafu 1 għandu jintbagħat sat-30 ta' April 1997.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 1997 dwar id-dipartimenti u l-aġenziji responsabbli għall-produzzjoni ta' stqarrijiet, formuli u rapporti koperti b'din id-deċiżjoni.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula f'Brussels, fl-20 ta' Marzu 1997.

Għall-Kummissjoni

Erkki LIIKANEN

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

'A' KONT TAR-RIŻORSI TAGĦHOM TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Stqarrija ta' l-intitolamenti stabbiliti (1)

Stat Membru:

Xahar/sena:

(munita nazzjonali)

	Natura tar-Riżorsi	Referenza ta' l-Istat Membru (opzjonali)	Ammonti stabbiliti matul xahar (2) (1)	Ammonti rkuprati minn kontijiet separati (2)	Korrezzjonijiet għal stabbilimenti bikrin (3) + (3)	Korrezzjonijiet għal stabbilimenti bikrin (3) - (4)	Ammonti grossi li se jitħallsu lill-KE (5)=(1) + (2) + (3) - (4)
1210	Dazji doganali (eskluż KEFA, anti-dumping u agrikultura)						
1220	Dazji tal-KEFA						
1230	Dazji ta' countervailing u anti-dumping fuq prodotti						
1240	Dazji ta' countervailing u anti-dumping fuq servizzi						
12	**DAZJI DOGANALI**						
1060	dazji doganali relatati mas-settur agrikolu						
10	**IMPOSTI AGRIKOLI**						
1110	imposti ta' ħażan taz-zokkor						
1100	Imposti ta' prodotti taz-zokkor — Kwoti A u B						
1120	Imposti ta' produzzjoni ta' l-Isoglucose						
1130	Imposti fuq zokkor C u Isoglucose mhux esportati						
1140	Imposti fuq zokkor sostitut C u Isoglucose						
1150	Imposti ta' produzzjoni ta' insulina						
1160	Imposta addizzjonali						
11	**IMPOSTI TA' ZOKKOR U ISOGLUCOSE**						
TOTAL 12 + 10 + 11							
						- 10 % spejjeż ta' kollezzjoni	
						Ammont nett li għandu jitħallas	

(1) Inklużi intitolamenti stabbiliti bħala riżultat ta' spezzjonijiet u każijiet ta' frodi u irregolaritajiet

(2) Inklużi korrezzjonijiet ta' kontabilità

(3) Korrezzjonijiet għal stabbilimenti inizjali partikolarment każijiet ta' rkupru wara r-rilaxx u ħkas mill-ġdid. Għal zokkor, korrezzjonijiet relatati ma' snin ta' qabel hemm bżonn li jissemmew

ANNESS II

L-ANNESS GĦAL STQARRIJA TAL-'A' KONT TA' RIŻORSI TAGĦHOMTAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Monitoraġġ ta' rkupru ta' ammonti li jirrelataw għal każijiet ta' irregolaritajiet jew dewmien (Artikolu 18(2)(b) tar-Regolament (KEE, Euratom) 1552/89)

Xahar/Sena:

(munita nazzjonali)

Ammont ta' riżorsi tagħhom irkuperat (1)	Referenzi għal irregolaritajiet jew ritardi fl-istabbiliment, dħul fil-kontijiet u għemil ottenibbli ta' riżorsi tagħhom, l-ammont ta' liema huwa muri fl-istqarrija tal-kont 'A' (2)	Kummenti
Total		

(1) L-ammonti ta' hawn fuq huma inklużi fl-istqarrija tal-kont 'A' għal liema dan huwa l-Anness
(2) Jekk ikun hemm bżonn, referenzi għal pagamenti għall-Artikolu 17(2) huma wkoll murija fil-kolonna.

ANNESS III

RIŻORSI TAGĦHOM TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ - KONT SEPARAT [1]

Stqarrija ta' l-intitolamenti stabbiliti mhux inklużi fil-kont 'A'

Stat Membru:

Xahar/sena:

(munita nazzjonali)

	Natura tar-Riżors	Li fadal mit-tliet xhur preċedenti	Intitolamenti stabbiliti għal tliet xhurkurrenti	Korrezzjonijiet ta' stabbilimenti (l-Artikolu 8 [2]	Ammonti li ma jistgħux isiru ottenibbli L-Artikolu 17(2) [3]	Total (2 + 3) - (4 + 5)	Ammonti rikuperati matul kwart	Li fadal fl-aħħar tal-kwart kurrenti
	(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8) = (6) - (7)
1210	Dazji doganali (eskluż KEFA, anti-dumping u agrikultura)							
1220	Dazji tal-KEFA							
1230	Dazji ta' countervailing u anti-dumping fuq prodotti							
1240	Dazji ta' countervailing u anti-dumping fuq servizzi							
12	**DAZJI DOGANALI**							
1060	Dazji doganali relatati mas-settur agrikolu							
10	**IMPOSTI AGRIKOLI**							
1110	Imposti ta' ħażna taz-zokkor							
1100	Imposti ta' prodotti taz-zokkor – Kwoti A u B							
1120	Imposti ta' produzzjoni ta' l-Isoglucose							
1130	Imposti fuq zokkor C u Isoglucose mhux esportati							
1140	Imposti fuq zokkor sostitut C u Isoglucose							
1150	Imposti ta' produzzjoni ta' insulina							
1160	Imposta addizzjonali							
11	**IMPOSTI TA' ZOKKOR U ISOGLUCOSE**							
TOTAL 12 + 10 + 11								

[1] Kont 'B' miżmum wara l-Artikolu 6(2)(b) tar-Regolament (KEE, Euratom) 1552/89 kif emendat inklużi intitolamenti stabbiliti bħala riżultat ta' ispezzjonijiet jew każi ta' frodi.

[2] Korrezzjoni ta' stabbilimenti għandhom ikunu mifhuma li jfissru korrezzjonijiet fi '+' jew fi '-'. Inklużi kanċellazzjonijiet li jirriżultaw minn reviżjoni ta' l-istabbilimenti inizjali li jinqalgħu minn kwarti preċedenti. Dawn huma differenti min-natura minn dawk imdaħħla fil-kolonna 5.

[3] Każijiet li jinvolvu ammonti li jaqbżu l-10 000 ECU msemmija fir-rapport mitlub bl-Artikolu 17(3).

ANNESS IV

FORMULA TAL-FRODI

formula ta' informazzjoni għandha tintbagħat lill-Kummissjoni (DG XIX) li tagħti deskrizzjoni tal-każijiet ta' frodi u irregolaritaliet diġa misjuba, li jinvolvu intitolament ta' iktar minn 10 000 ECU

IDENTIFIKAZZJONI TAL-FORMULA BAŻIKA:

0 L-Istat Membru:
- 0.0 Numru serjali tal-każ ([1]):
- 0.1 Ta' kull tliet xhur tas-sena perjodu ta' riferenza:
- 0.2 Data tat-trażmissjoni:
- 0.3 Dipartiment jew aġenzija li għamel/għamlet l-istabbiliment:

DESKRIZZJONI TAL-KAŻ

1 Oġġetti involuti:
- 1.0 Deskrizzjoni kummerċjali:
- 1.1. Tariffa ta' l-intestatura ([2]):
- 1.1.1 iddikkjarata:
- 1.1.2 stabbilita:
- 1.1.3 meqjusa:
- 1.2 Oriġini:
- 1.2.1 iddikkjarat:
- 1.2.2 stabbilit:
- 1.2.3 meqjus:
- 1.3 Ġej minn:
- 1.3.1 iddikkjarat:
- 1.3.2 stabbilit:
- 1.3.3 meqjus:
- 1.4 Kwantità:
- 1.4.1 iddikkjarata:
- 1.4.2 stabbilita:
- 1.4.3 meqjusa:
- 1.5 Valur:
- 1.5.1 iddikkjarat:
- 1.5.2 stabbilit:
- 1.5.3 meqjus:

2 Tip ta' frodi u/jew irregolarità:
- 2.1 Indikazzjoni:
- 2.2 Proċeduri tad-Dwana jew trattament konċernat:

3 Deskrizzjoni konċiża tal-mekkaniżmu tad-dwana:

4 Ordni preżunta ta' kobor ta' riżorsi tagħhom evaži jew ammont żatt:
- 4.1 stmat:
- 4.2 stabbilit:
- 4.3 irkuprat:

5 Tip ta' verifika li wassal għall-kxif:
- 5.1 metodu:
- 5.2 rimarki:

([1]) Il-każijiet għandhom ikunu ennumerati mill-Istati Membri f'sekwenza annwali skond il-format li ġej: OR/MS/99/999999/0. Ghall-Istati Membri li ma jipproduċux sekwenza annwali waħda imma sekwenzi għal dipartimenti reġjonali, l-ewwel tnejn mis-sitt ċifri jidentifikaw id-dipartiment reġjonali konċernat.

([2]) Skond in-nomenklatura kombinata pprovduta bir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 (ĠU Nru L 256, tas-7.9.1987).

6 Stadju milħuq fi proċedura u, fejn xieraq, dettalji ta' l-istabbiliment:

— data ta' l-istabbiliment:

— kodiċi amministrattiv:

— Kodiċi finanzjarju:

7 Każijiet diġa notifikati taħt arranġamenti ta' għajnuna reċiproka (Regolamenti (KEE) Nru 1468/81 u (KEE) Nru 945/87):

Referenza MA:

8 Miżuri meħuda jew ippjanati biex jevitaw ir-rikorrenza tal-każijiet ta' frodi u irregolaritajiet diġa misjuba:

9 9.1 L-Istati Membri involuti:

9.2 Operaturi konċernati (fakoltattiv):

10 Informazzjoni oħra:

10.1 Ħieles:

10.2 Riservat:

ANNESS V

FORMULA LI TAĠĠORNA L-FORMULA BAŻIKA (1)

11 (2)	12	13	14	15	16	17	18	19	20	21	22	Rimarki
Riferenza tal-formula bażika	Bdil fl-istima	Data ta' l-istabbiliment	Data tad-dħul fil-kont 'B'	Intitolamenti stabbiliti: Bilanċ tat-tliet xhur preċedenti	Korrezzjoni tal-bażi (±)	Maqtugħa	Ammonti li għandhom ikunu rkuprati (15 ± 16 - 17)	Ammonti rkuprati	Intitolamenti stabbiliti: Bilanċ ta' tmiem-it-tliet xhur (18 - 19)	Kodiċi amministrattiv jew ġudizzjarju	Kodiċi finali	

(1) L-oqsma 11 u 12 tal-formula ta' aġġornament jaġġornaw l-oqsma 4 u 6 tal-formula bażika.

(2) Il-formula ta' aġġornament hija mogħtija l-istess numru tas-serje bħall-formula bażika li magħha tirrelata; fejn hemm iktar minn formula waħda ta' aġġornament, in-numerazzjoni għandha tkun minn 1 sa x fil-format li ġej: OR/MS/99/999999/1 sa x.

ANNESS VI

RAPPORT ANNWALI

Regolament (KEE, Euratom) Nru 1552/89, l-Artikolu 17(3)

Stat Membru: ..... 19.....

1. **Ispezzjonijiet minn Stat Membri**

Operazzjonijiet ta' ispezzjoni	Numru
Dħul aċċettat (Proċeduri tad-Dwana jew trattament konċentrat)	
Dħul iċċekkjat wara rilaxx doganali, Proċeduri tad-Dwana jew trattament konċernat (kontrolli ta' wara t-tluq)	
Numru totali ta' persunal fid-dipartimenti doganali f'livell nazzjonali ([1])	
Numru totali ta' persunal assenjat għal iċċekkjar ta' wara t-tneħħija f'livell nazzjonali	

([1]) In-numru totali ta' staff (espress bħala persuni kull sena) fil-livelli kollha ta' l-organizzazzjoni.

2 **Frodi u irregolaritajiet** (1)

Arranġament doganali		Frodi u irregolaritajiet bit-tip ta' arranġament doganali				
		Numru ta' każijiet misjuba (2) (1)	Ammont Involuti (3) (2)	Ammont stabbilit (3)	Ammont diga rkuprat (4)	Rata ta' irkupru (4) (%) (5) (5) = (4) / (3) x 100
1	**Mehlusin ghal ċirkulazzjoni libera**					
Taqsim ta' tipi ta' frodi taħt mehlusa ghal ċirkulazzjoni libera (5) (6)						
(a)	Non-dikjarazzjoni					
(b)	Deskrizzjoni ħażina ta' l-oġġetti jew żball fil-klassifika CCT					
(ċ)	Oriġini					
(d)	Valur					
(e)	Piż/kwantità					
(f)	Ohrajn					
2	**Tranżitu**					
3	**Depożitu**					
4	**Ipproċessar intern**					
5	**Ipproċessar estern**					
6	**Ammissjoni temporanja**					
7	**Arranġamenti jew trattament doganali oħra** (7)					
8	**Total**					

(1) Il-każijiet kollha, minkejja l-valur tal-livell, espressi fil-munita nazzjonali, inklużi l-każijiet mhux injklużi fil-kont 'B'.

(2) Numru ta' każijiet ta' frodi misjuba matul is-sena.

(3) 'Ammont involuta' tfisser l-ammont (f'munita nazzjonali) wara xi korrezzjoni li tista' tkun saret.

(4) Ir-rata ta' irkupru tikkonċerna biss l-ammonti rikuperati matul dik is-sena u mhix ir-rata definittiva.

(5) Jekk il-frodi jew l-irregolarità tinvolvi kombinazzjoni ta' żewġ tipi jew iktar ta' anomalija jekk joghbok irrekordja l-każ taħt l-intestatura li tidher l-ewwel fit-tabella (eżempju: jekk ikun hemm irregolaritajiet li jinvolvu kemm valur kif ukoll oriġini li l-każ kien messu ddaħħal taħt 'oriġini' u mhux 'valur').

(6) It-total tas-subintestaturi (a) sa (f) għandu jikkorrispondi għat-total taħt l-intestatura 1.

(7) Ipproċessar taħt kontrol doganali, esportazzjoni, żona ħielsa/depożt bonded, ri-esportazzjoni.

3. **Kwestjoni ta' prinċipju**

Lista ta' l-iktar punti importanti relatati ma' stabbiliment, dħul fil-kontijiet u li tagħmel ottenibbli, misjuba fl-applikazzjoni tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1552/89, inklużi dawk imqajma fit-tilwima

.....

.....

.....

.....

.....

.....

.....

.....

.....

.....

(Fejn meħtieġ, kompli referenzi għal dan l-item fl-Anness għar-rapport)

4. **Notifika ta' każijiet ta' tradizzjonijiet ta' riżorsi tagħhom imwarrba**
(Artikolu 17(2) tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1552/89)

4.1. *Numru totali ta' każijiet f'dan ir-rapport* [1]*:*

.....

Informazzjoni taħt il-paragrafi 4.2 sa 4.11 għandha tingħata għal kull każ ta' riżorsi tagħhom mwarrba fejn l-ammont tad-dazju jaqbeż l-10 000 ECU

4.2. *Numru ta' referenza għal din il-formula* [2]*:* ..... / ..... / .....

[1] Jekk jogħġbok uża formula separata għal kull każ. Jekk m'hemm ebda każijiet ikteb 'Xejn'.

[2] Jekk jogħġbok uża dan il-format: Stat Membru/Sena/Numru (e.g. UK/1997/1) .

4.3. *Informazzjoni dwar proċedura ta' irkupru* [1]:

Stadju	Data	Kummenti
Dejn magħmul		
Notifika tad- debitur		
Dħul fil-kont 'B'		
Avviż tal-ħlas, jekk mibgħut		
Eżistenza ta' debituri responsabbli flimkien (iva/le)		
Azzjoni bis-sospensjoni tal-perjodu preskrittiv		
L-ewwel azzjoni		
Magħmula		
Deċiżjoni		
Appell		
Magħmula		
Deċiżjoni		
Faċilitajiet ta' ħlas (instalments)		
Mitluba		
Deċiżjoni		
L-ewwel ħlas parzjali		
L-aħħar ħlas parzjali		
Ammont totali mħallas minn debitur		
INFURZAR		
Ordni ta' infurzar		
Maħruġa		
Notifikat lid-debitur		
Mandat		
(a) L-attiv tad-debitur:		
Pożizzjoni ta' kreditu ma' amministrazzjoni		
Attiv likwidu		
Proprjetà mobbli		
Ordni tal-qorti		
Mandat		
Eżekuzzjoni		
Propjetà immobbli		
Ordni tal-qorti		
Dħul fir-reġistru ta' l-ipoteka-		
Mandat		
Eżekuzzjoni		

[1] Il-proċedura akkwist mil- ġdid jista jvarja mill-Istat Membru għall Stat Membru. It-tabella għandha tkun kompluta bir-referenza għall-proċedura ta' akkwist mill-ġdid nazzjonali.

Stadju	Data	Kummenti
(b) Attiv ta' debituri responsabbli flimkien		
Posizzjoni ta' kreditu ma' l-amministrazzjoni		
Attiv likwidu		
Proprjetà mobbli		
Ordni tal-qorti		
Mandat		
Eżekuzzjoni		
Propjetà immobbli		
Ordni tal-qorti		
Dħul fir-reġistru ta' l-ipoteka		
Mandat		
Eżekuzzjoni		
Assistenza reċiproka		
Talba		
Tweġiba		
Tneħħija		

4.4. *Garanzija*

4.4.1. *L-ammont stabbilit kien kopert bil-garanzija?*
(Immarka × fil-kaxxa xierqa)

Iva ☐ Le ☐

4.4.2. *Tip ta' garanzija jew rinunzja ta' garanzija*
(Immarka × fil-kaxxa xierqa)

Komprensiva	☐	Rata waħda	☐	Operazzjoni waħda	☐
Obbligatorja	☐	Parzjali	☐	100 %	☐
Operazzjonali	☐	Parzjali	☐	100 %	☐
Rinunzja	☐				

Ammont ta' garanzija: .....

4.5. *Faċilitajiet ta' ħlas (rateali) mogħtija, jekk kien hemm:*

.....

.....

.....

.....

4.6. *Raġunijiet għaliex l-ammont partikolari kienx maqtugħ irrikuperabbli definittivament:*

.....

.....

.....

.....

.....

.....

4.7 *Ammont stabbilit fil-munita nazzjonali minn tip ta' riżorsi tagħhom:*

(a) Dazji doganali .....

(b) Dazji doganali dwar prodotti agrikoli .....

(ċ) Dazji anti-dumping .....

(d) Imposti agrikoli .....

(e) Imposti taz-zokkor/isoglucose .....

(f) Dazji doganali ta' l-esportazzjoni .....

4.8 *Leġislazzjoni tal-Komunità taħt liema jkun sar dejn doganali:*
(L-Artikolu tal-kodiċi doganali tal-Komunità jew regolamenti speċifiċi)

.....

.....

.....

4.9 *Jekk ikun diġa rappurtat każ fejn ammont ikun tneħħa lill-Kummissjoni bis-saħħa ta' l--Artikolu 6(4) tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1552/89 (folji ta'frodi u rregolaritajiet), jekk jogħġbok ikkwota n-numru tan-notifiki*

Numru tal-folja tal-frodi: .....

M'hemmx bżonn li twieġeb sezzjonijiet 4.10 u 4.11, jekk l-informazzjoni tkun diġa` ġiet ipprovduta bis-saħħa ta' l-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1552/89

4.10 *Dettalji ta' l-istabbiliment: arranġamenti doganali applikati jew status ta' l-oġġetti:*
(Immarka × fil-kaxxa xierqa)

Ħażna temporanja	☐	Ipproċessar estern	☐
Ċirkulazzjoni libera	☐	Ipproċessar taħt il-kontroll tad-Dwana	☐
Tranżitu	☐	Ammissjoni temporanja	☐
Depożiti	☐	Esportazzjoni	☐
Ipproċessar estern	☐	Oħrajn [1]	☐

[1] Jekk jogħġbok speċifika.

4.11 *Informazzjoni oħra:*

(Xi nformazzjoni rilevanti li tagħmilha iktar faċli biex teżamina l-każ, tali bħal, fejn xieraq, deċiżjonijiet tal-Komunità relatati ma' nuqqas ta' ħlas, nuqqas ta' remissjoni jew irkupru – L-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità)

.....

.....

.....

.....

.....

.....

4.12. *Persuni ta' kuntatt:*

Isem: ..... Indirizz: .....

.....

Telefon: ..... Fax: .....

Data: .....